MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 325/2014

**Arkadia Marketing Ltd**
**C 11113**

**Vs**

**Tom Oates**
**ID 0066144(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Mejju, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet l-intimat kien qabel li jirrifondi tlett elef sitt mija u erbghin ewro (€3,640) wara li ammetta li l-ammont kien dovut minhabba oggetti li ha minghajr hlas u kien waqaf ihallas u halla l-bilanc mitlub.

Is-socjeta' attrici sussegwentament rriducuet it-talba originali ghal elfejn sitt mija u erbghin ewro (€2,640).

Il-konvenut debitament notifikat deher ghas-seduta tal-20 ta' Gunju, 2014 fejn minkejja li ma pprezentax risposta xehed illi jaf li ffirma dokument ghal hlas ta' dan l-ammont pero' l-ammont ikkontestah mill-ewwel u beda jitlob lista tal-affarijiet li qed ihallas ghalihom.

Il-konvenut minkejja li permezz tal-avukat tal-ghajnuna legali ipprezenta rikors sabiex jigi assistit mill-avukat tal-ghajnuna legali, deher fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2014 fejn iddikjara li qed jirraprezenta lilu nnifsu u ma ghandux avukat.

It-Tribunal wara li sema l-konvenut u ra d-dokumenti pprezentati jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn sitt mija u erbghin ewro (€2,640) kis-socjeta' attrici pero' b'rati mensili ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata  sad-data tal-pagament effettiv u finali. Bl-ispejjez ghal konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------